**Terraqt sa Marsaxlokk**

minn Lina Bonnici

Għodwa waħda qomt mort nimxi,
ġbidt bi dritt għal Marsaxlokk,
għidt ħa ngħaddi minn Ħal Ġinwi,
hemmhekk żgur ma nsibx intopp.

F’nofs siegħa jiena kelli nasal,
sax-xatt qalb is-sajjieda,
ilbist ħafif, xeddejt is-sandli,
sabiex il-mixja tkun fejjieda.

B’pass ħafif jiena bdejt nimxi,
ir-riħa tal-baqar tajba għall-pulmun,
irziezet fuq naħa waħda,
u fuq naħa oħra, tara barkun.

It-turbini tal-gass bi dritt għajnejja,
f’baħar blu ileqq tal-fidda,
ħarist il’ fuq lejn bwieb is-sema,
b’ngħaġ ta’sħab is-sema mwitta.

Ngħaġ oħra jiena lmaħt jirgħu,
jieklu u jimirħu qalb il-ħaxix,
biex bil-ħalib tagħhom ġbejniet nagħmlu,
għal mas-sopop u l-għaġin.

L-għelieqi malajr saħruni,
bl-għelejjel tagħhom imfawwrin,
ful, piżelli, karfus, qarabagħli,
b’ħaxix tal-borma mimlijin.

Ħbula oħra mdewdin bis-silla,
tħammar l-għelieqi u tifrex tapit,
rajt oħrajn mimlijin fjuri,
x’riħa tfuħ ta’ ġiżimin.

Smajt l-inbiħ ta’ kelb tal-kaċċa,
li kien għassa ma’ razzett,
hennitni l-għajta ta’ serduq jidden,
u sbuħija ta’ farfett.

Mis-sejjieħ ħarġet gremxula,
ħasset l-għoma tax-xemx sħuna,
għal warajha jiena bdejt niġri,
xtaqt naqbadha sħuna sħuna.

Osservajt ukoll l-għasafar,
ipespsu kollha ferħanin,
tgħaxxaqt nisma’ t-tpespis tagħhom,
f’bejtiet żgħar dehru mpespin.

Il-mutur tal-ħart għoddu tarraxxni,
kien hemm ħaddiema qed jaħartu,
addijo l-moħriet u l-imgħażqa,

ħin m’għandhomx għalkemm ibakkru.

Għal għonq it-triq jien bqajt għaddejja,
matul it-triq ma ltqajt ma’ ħadd,
għajr xi bidwi, ħadd ma jgħaddi,
jew raħħal iġorr xi għalf.

M’għadhiex wisq ħin wasalt fil-wita,
sibt ruħi fil-qalba ta’ Marsaxlokk,
ta’ Pompej knisja sibt ma’ wiċċi,
waqt li qanpiena bdiet iddoqq.

Bdiet iddoqq noti ferrieħa,
dak il-jum kien San Girgor,
kulħadd jiżżiemel u jiċċaċra,
madwar il-bajja ta’ Marsaxlokk.